ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 73/11**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 5 ta' Settembru 2011**

**Ħin: Fit-8.30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Il-Kav. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## L-GĦELUQ TAL-GĦASSA TAL-PULIZIJA TAŻ-ŻEBBUĠ

Is-Sindku qal ħassejt id-dmir li nsejjaħ din il-laqgħa b' urġenza wara li kienu avviċinawh pulizija stazzjonati fl-għassa taż-Żebbuġ u nfurmawh li mill-lum, l-Għassa tal-Pulizija taż-Żebbuġ kienet ser tingħalaq kompletament. Qal fid-dawl ta' dan, hu kien bagħat *e-mail* lill-Kummissarju tal-Pulizija, ikkupjata lill-Prim Ministru, il-Ministeru għal Għawdex, il-Ministru responsabbli mill-Intern u s-Segretarji Parlamentari Said u De Marco. Is-Sindku għarraf lill-Kamra li sal-ħin ta' din il-laqgħa kien għadu ma rċieva l-ebda tweġiba.

Il-Kunsill qabel li tintbagħat *e-mail* lill-Kummissarju tal-Pulizija u tkun ikkupjata lill-Prim Ministru, Ministri u Segretarji Parlamentari kkupjata bl-*e-mail* tas-Sindku bil-kontenut segwenti:

> ''Fid-dawl tal-laqgħa b' urġenza msejħa llum it-Tnejn 5 ta' Settembru 2011 bis-suġġett l-Għassa tal-Pulizija taż-Żebbuġ fejn kienet diskussa l-*e-mail* li ntbagħtet lilek mis-Sindku nhar l-Erbgħa li għaddiet, il-Kunsill Lokali qiegħed ġentilment jitolbok l-eżitu tal-Għassa tal-Pulizija taż-Żebbuġ.

Fl-eventwalita` li l-istess Għassa ser tingħalaq, il-Kunsill Lokali qiegħed jitlob biex jekk huwa possibbli dan jingħata r-raġuni/jiet għaliex l-Għassa ser tiġi magħluqa.
Intant ninfurmak li sa issa diġa rċevejna bosta lmenti mir-residenti tal-lokal għall-egħluq tal-Għassa tal-Pulizija.''

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħodu.

Kav. Carmelo Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva